MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 377/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Sigismondo Mifsud**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Sigismondo Mifsud talli, ghax-xahar [recte: xhur] ta' Marzu 2007, April 2007 u Mejju 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'risoluzzjoni wahda, naqas li jaghti s-somma ta' Lm130 kull erba' gimghat lil martu Salvina Mifsud bhala manteniment ghaliha u ghta-tfal taghhom, u dan skond digriet tal-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Ottubru 2007 li fil-parti dispozittiva taghha tghid hekk:

**“Wara li rat l-Artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; ikkunisdrat: Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti ezibiti, din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi Sigismondo Mifsud hati ta’ kif akkuzat u tilliberah.”**

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-2 ta’ Novembru 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lill-Avukata Dott. Nadine Sant, ghall-appellant Avukat Generali fl-udjenza tal-Gimgha 11 ta’ Jannar 2008; rat li l-appellant baqa’ ma deherx – ghalkemm baghat lil ohtu b’”certifikat” tal-mard minn dawk li jintuzaw ghat-talba ghal-beneficcju tal-mard, din il-Qorti ma ddifferietx is-smigh ta’ l-appell peress li mill-imsemmi “certifikat” ma kienx jirrizulta li l-appellat ma setax jattendi l-Qorti (a differenza tax-xoghol normali tieghu) u l-istess certifikat anqas kien konfermat bil-gurament;

Fl-imsemmija udjenza din il-Qorti ssollevat *ex officio* il-kwistjoni tar-ritwalita` tar-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, u dan peress li, trattandosi ta’ reat li jaqa’ fil-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali skond dak li jipprovdi l-Artikolu 370(1) tal-Kap. 9, ma kienx jidher li l-aggravju ta’ l-Avukat Generali kien b’xi mod jinkwadra f’xi wahda mill-ipotesijiet kontemplati fil-paragrafu (b) tas-subartkolu (1) tal-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali.

Effettivament, is-sentenza appellata tammonta ghal semplici dikjarazzjoni li l-appellant ma hux qed jinstab hati skond l-imputazzjoni kontrih dedotta. La minn dik is-sentenza u anqas mill-verbal ta’ l-udjenza tal-15 ta’ Ottubru 2007 quddiem il-Qorti Inferjuri ma titrapela l-icken indikazzoni ta’ xi *error juris* kif ravvzat fis-sub-paragrafi (i) sa (vii) tal-imsemmi paragrafu (b). L-ewwel aggravju ta’ l-Avukat Generali hu maghmul jikkonsisti, bazikament, filli l-ewwel qorti iddecidiet hazin <u>fuq il-fatti</u> li kellha quddiemha. It-tieni aggravju fir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali

jipprova javanza l-argument li s-sentneza fiha, jew hi bbazata fuq, enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi (Art. 413(1)(b)(iv)(*i*)) – pero` fir-realta` s-sentenza appellata ma fiha *on the face of it* ebda tali enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta (*vide supra*). In fatti, u ghall-korrettezza, anke l-istess appellant jikkwalifika dana t-tieni aggravju meta jghid illi "…x'aktarx l-Ewwel Qorti laqghet is-sottomissjoni tad-difiza…" (sottolinear ta' din il-Qorti). Hu risaput, pero`, li r-ragunijiet ta' l-appell kontemplati fl-paragrafu (b) tal-Artkolu 413(1) iridu jirrizultaw mill-atti u mhux minn semplici kongettura li jaghmel l-appellant Avukat Generali. Thares kif thares lejn dana l-appell, b'ebda mod ma jinkwadra f'dak kontemplat fl-imsemmi paragrafu (b).

Konsegwentement din il-Qorti tiddikjara l-appell ta' l-Avukat Generali irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------